# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 30

15 ta' Marzu 2021

It-tletin (30) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu 2021 fil-5.10pm. Il-laqgħa nżammet b'mod virtwali minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 30.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

30.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 30.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

30.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tad-disgħa u għoxrin (29) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

30.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, GD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

30.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 29.2.3 rigward l-isleeping policeman u s-sinjali fit-Telgħa tal-Kurċifiss u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku wieġbet li sa dakinhar ma kienx hemm risposta.

30.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 29.5.2 rigward is-sinjali ta' veloċità fi Triq Nazzjonali u Triq Sant'Anna. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill kien bagħat it-talba iżda sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta.

30.2.5. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira lil Transport Malta dwar dawn it-talbiet.

### 30.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

30.3.1. Is-Sindku DSH ressqet komunikazzjoni mingħand il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fejn offrew xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalità li jsir mill-ħabsin residenti fil-faċilità. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li dan is-servizz kien ser jammonta għal €250 li jmorru għall-fond tal-ħabs. Il-Kunsillier VB qal li hu m'għandux oġġezzjoni dejjem jekk dawn ikunu provduti bis-sigurtà neċessarja. Il-Kunsill qabel u qabel li jilqa' l-offerta tagħhom.

30.3.2. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand persuna li taħdem mal-European Asylum Support fejn talbet li tingħata permess għal spazju ta' parkeġġ riservat.

30.3.2.1. Is-Sindku qalet li ma kienitx ċara jekk din il-persuna kienitx qed titlob il-parkeġġ riservat quddiem l-uffiċċju jew quddiem ir-residenza privata tagħha. Hija żiedet tgħid li barra minn hekk, ma kienx hemm konferma jekk ir-rwol ta' din il-persuna kienx wieħed diplomatiku.

30.3.2.2. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jikkjarifika dawn il-punti qabel ma jieħu deċiżjoni.

30.3.2.3. Il-Kunsillier JAE talab ukoll li tintalab verifika tal-indirizz tal-aġenzija minħabba li l-indirizz provdut kien jindika li tali aġenzija tinsab il-Marsa. Il-Kunsill qabel.

30.3.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li nformaw lill-Kunsill b'webinar li qed jiġi offrut fuq it-tfal u ż-żgħażagħ. Is-Sindku informat lill-Kunsilliera li min irid japplika seta' jagħmel dan permezz ta' link mibgħuta fl-email.

30.3.4. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Pierre Portelli li talab lill-Kunsill permess sabiex jorganizza wirja tal-arti f'żona fil-Floriana. Il-Kunsill ikkonferma li tali żona taqa' fil-limiti tal-lokalità. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma mal-persuna konċernata d-daqs u l-piż ta' din il-wirja. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob li din il-wirja tintrabat mal-art, jiġi speċifikat li m'għandix issir ħsara lill-paviment u li f'każ li ssir xi ħsara lill-iskultura, il-Kunsill mhux ser jinżamm responsabbli.

30.3.5. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-LESA fejn informaw lill-Kunsill b'fond Proġetti fil-lokalitajiet, u offrew lill-Kunsill iressaq l-applikazzjoni tiegħu. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu japplika għall-vann li jintuża għal trasport effettiv lir-residenti u għall-benefiċċju tal-lokalità. Is-Sindku żiedet tgħid li jekk l-applikazzjoni tintlaqa', il-Kunsill ikun jista' japplika sabiex jiġi mogħti persuna fuq l-iskema tal-RSSL li tkun tista' ssuq il-vann.

30.3.5.1. Il-Kunsillier VB staqsa jekk il-vann hux ser ikun jaħdem bl-elettriku. Il-Kunsill qabel li jmur għall-vettura elettrika.

30.3.5.2. Il-Kunsillier VB staqsa wkoll jekk il-vann jibqax proprjetà tal-Kunsill. Is-Sindku wieġbet fl-affermattiv. Hija qalet li l-vann ikun jista' jintuża wkoll għax-xogħol meta r-residenti ma jkollhomx bżonn. Il-Kunsillier VB qal li m'għandux oġġezzjoni bil-kundizzjoni li ma jitgħabbix b'materjal li jħammeġ u dan sabiex il-vettura tibqa' fi stat tajjeb.

30.3.5.3. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk il-Kunsill hux jikkunsidra li jkollu s-sistemi neċessarji installati jekk il-vettura tkun elettrika. Is-Sindku wieġbet li jekk l-applikazzjoni tintlaqa', il-Kunsill ikun jista' japplika għal charging pillars.

30.3.5.4. Il-Kunsillier VB qal li jista' jiġi kunsidrat li s-sistema tiġi installata fil-garage tal-Kunsill. Huwa ippropona li fuq il-vettura jkun hemm ukoll l-isem tal-Kunsill.

30.3.5.5. Is-Sindku qalet li dawn kienu kollha affarijiet li jridu jiġu diskussi biss l-ewwel trid tiġi approvata l-applikazzjoni.

30.3.6. Is-Sindku nformat lill-Kunsill b'korrispondenza mibgħuta mis-Surmast tal-iskola fejn offra lill-Kunsill jinnomina lil xi ħadd għall-President tal-Kunsill Skolastiku. Il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lis-Sindku għal din il-pożizzjoni.

30.3.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Sa Doreen Mintoff. Hija qalet li tali korrispondenza kienet qed tiġi proċessata mid-DSE. Hija żiedet tgħid li xtaqet tagħmel

punt ta' kjarifika fejn qalet li tissapportja bis-sħiħ lill-impjegati tal-Kunsill li ilkoll jaħdmu qatigħ biex b'mod kostanti jtejjbu s-servizz u l-effiċjenza tal-Kunsill.

30.3.8. Is-Sindku ressqet performance bonus appraisal ta' impjegat taħt l-iskema tal-RSSL. Hija qalet li d-DSE kien qed jipproponi li jingħata 80% tal-performance bonus li jammonta għal €250. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 30.4 RAPPORTI

30.4.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal-laqgħa li kien hemm mal-Community Police Office fejn ġew diskussi posters li ser jitqassmu fir-residenzi. Is-Sindku qalet li kienu ntalbu kwotazzjonijiet kif maqbul u li kienet intbagħtet emenda minħabba li kien hemm żball f'waħda mill-ġranet.

30.4.1.1. Il-Kunsillier JAE qal li kien tressaq punt biex jibdew jiġu nhar ta' Sibt. Is-Sindku qalet li ma kienux reġgħu kellmuha dwar dan.

## 30.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

30.5.1. Il-Viċi Sindku GD għamlet riferenza għall-espressjoni t'interess rigward il-Belt jew Raħal Kulturali 2022. Hija qalet li kienet qed taħdem fuq xi attivitajiet li għandhom jissemmew u għamlet riferenza għal Ġenna ta' Ġonna, il-Karnival u l-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Hija staqsiet jekk kienx hemm xi avveniment ieħor li l-Kunsill xtaq li jżid.

30.5.1.1. Il-Kunsillier JAE ippropona li mal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat tintrabat ukoll il-festa. Il-Viċi Sindku GD qalet li dan ma kienx possibbli.

30.5.1.2. Is-Sindku pproponiet li jitniżżlu wkoll l-attivitajiet in ġenerali u tal-massa li jsiru fil-lokalità u fuq il-Fosos. Il-Kunsill qabel.

30.5.1.3. Il-Viċi Sindku qalet li d-data ta' sottomissjoni kienet it-8 t'April 2021 u għalhekk kien ser ikun hemm bżonn li ssir laqgħa qabel sabiex jiġu approvati l-minuti li kienu neċessarji biex tkun tista' tissottometti din l-applikazzjoni. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 30.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

30.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 30.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

30.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 21/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

30.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku GD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 30.8 JUM IL-FLORIANA

30.8.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li l-aġenda kienet ġiet finalizzata qabel ma tħabbru l-aħħar restrizzjonijiet relatata mal-pandemija, u għalhekk temmen li l-Kunsill għandu jipposponi din l-attività għal żmien aħjar. Il-Kunsill qabel.

30.8.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistax ikun hemm biss l-ismijiet u l-premjijiet jingħataw iktar tard. Is-Sindku wieġbet li fil-mument l-għaqdiet ma kienux qed jiltaqgħu b'mod regolari u għalhekk mhux ser ikun hemm is-sehem tagħhom.

30.8.3. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna sas-Sajf u jekk l-affarijiet jibqgħu kif inhuma jiġi kkommemorat biss Ġieħ il-Floriana.

## 30.9 PROPOSTA GĦAL DOG PARK

30.9.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi talbet lill-kunsilliera sabiex meta ma jkunux jistgħu jattendu għal xi laqgħa ma' ministri jew dipartimenti jinfurmawna biex tkun tista' tinfetaħ l-istedina għal ħaddieħor.

30.9.2. Is-Sindku kompliet billi qalet li kienet inżammet laqgħa mal-Onor. Ministru Refalo sabiex tiġi diskussa din il-proposta u jidher li kien hemm qbil fil-prinċipju.

30.9.3. Hija żiedet tgħid li kienet intbagħtet applikazzjoni lid-Dipartiment tal-Artijiet li min-naħa tagħhom informaw li kien hemm bżonn li l-Kunsill jipprovdi land registration plan sabiex jipproċedi.

30.9.4. Il-Kunsillier JAE qal li fiż-żona kien hemm speċi endemiċi għall-post. Is-Sindku qalet li d-dog park kien ser jagħmel użu minn parti waħda biss taż-żona u għalhekk ma kellu ikun hemm problemi.

## 30.10 PROĠETT TAL-ĠNIEN RE ĠORĠ V

30.10.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li d-dawl fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V kien tlesta u kien ġie ikkummissjonat mill-inġinier u min-naħa tal-kuntrattur. Hija qalet li kien hemm ukoll il-pjan tad-dawl kollu u li jekk jinqata' parti mid-dawl, tinqata' biss parti minnu u mhux id-dawl kollu tal-ġnien kif kien qabel.

30.10.2. Is-Sindku nformat ukoll li kienu qed jiġu installati l-kameras tas-sigurtà li kienu bdew jaslu u jitwaħħlu. Hija qalet li l-Kunsill kien qed jistenna xi arbli li ser jitwaħħlu magħhom uħud mill-kameras.

## 30.11 Bankina Triq l-Iljun

30.11.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kellha diversi ilmenti dwar il-bankina li hemm fi Triq l-Iljun li kien hemm bżonn tiġi rranġata. Is-Sindku qalet li kienet intalbet kwotazzjoni mingħand kuntrattur sabiex tiġi rranġata din il-bankina, li tammonta għal €4000. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol kien meħtieġ b'mod urġenti u għalhekk qabel li għandhom jintalbu żewġ kwotazzjonijiet oħra skont ir-regolamenti finanzjarji.

30.11.2. Is-Sindku DSH qalet li d-DSE kien issuġġerixxa li tinħareġ sejħa għall-offerti għal xogħolijiet fuq il-bankini u dan minħabba li kien qed ikun hemm diversi talbiet biex isir xogħol fuq bankini differenti. Il-Kunsill qabel.

## 30.12 Komunikat mir-reġjun Xlokk

30.12.1. Is-Sindku nformat li r-Reġjun Xlokk kien ser iqassam maskri lit-tfal tal-iskola, għalliema, LSEs, kunsilliera u staff tal-Kunsill.

30.12.2. Is-Sindku nformat ukoll li l-Kunsill Lokali Floriana ma kienx ser jibqa' jagħmel parti mir-Reġjun Xlokk iżda ser jibda' jifforma parti mir-Reġjun Port. Hija qalet li fl-opinjoni tagħha din ir-riforma ma kienitx tagħmel sens loġistikament u kienet uriet it-tħassib tagħha lir-Reġjun Xlokk li min-naħa tagħhom kellhom iressqu dan it-tħassib lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

30.12.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienitx ser issir fumigazzjoni fid-dawl taż-żieda fil-każijiet. Is-Sindku wieġbet li min-naħa tal-Cleansing Department, kienu baqgħu isiru l-fumigazzjonijiet. Min-naħa tal-Kunsill seta' jsir fumigazzjoni tal-uffiċċju amministrattiv u tal-bankijiet ta' fuq il-Fosos u l-bankijiet ta' ħdejn il-Young Falcons Club.

30.12.4. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill setax jissuġġerixxi xi toroq li għandhom bżonn ta' fumigazzjoni lill-Cleansing Department. Is-Sindku qalet li dan id-dipartiment kellhom rutina u kienu jimxu skont l-iskeda tagħhom iżda setgħet tintbagħat it-talba biex jesiġu iktar fumigazzjoni fit-toroq. Il-Kunsill qabel.

30.12.5. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk it-toroq li jiġu fumigati kienux jinkludu wkoll il-bankini u dan minħabba li kellha ilmenti li kienu qed jitnaddfu biss it-toroq. Is-Sindku qalet li bħala Kunsill ma kien jidħol loġistikament fuq l-operat tal-Cleansing Department biss meta tnaddfu t-toroq ta' ħdejha, kienet innotat li kienu saru wkoll il-bankini.

## 30.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

30.13.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.10pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 12 t'April 2021 fil-5pm.

**Konfermati, illum _______________________________________**

(iffirmati)
Davina Sammut Hili
Sindku

(iffirmati)
Malcolm Agius
Deputat Segretarju Eżekuttiv